# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2294

Każ Nru 3089/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Vanessa Fenech

u

SL Ship Management Co. Ltd.

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Illum : 2 ta' Lulju 2014

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie intavolat mill-Avv Joanne Vella Cuschieri f'isem Vanessa Fenech permess ta' Rikors tat-28 ta' Novembru 2012 fejn din allegat li kienet liċenzjata illegalment bi skuża ta' *redundancy* minn mas-Soċjetà SL Ship Management Co. Ltd. Is-Soċjetà ntimata li kienet rappreżentata minn Dr Cornelia Zammit German assistita mill-Avv Andrew Borg Cardona innegat dan u ddikjarat li dan kien każ ġenwin ta' *redundancy*.

Inżammu tmien seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti kif ukoll id-differimenti li intalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif stipulat fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrenti li kienet fuq kuntratt indefinit ġiet infurmata fid-19 ta' Ottubru 2012 li minħabba strutturazzjoni fil-kumpanija bħala riżultat ta' tnaqqis ta' vapuri li kienet topera ġie deċiż li jiġi terminat l-impieg tagħha. Tgħid li din ir-raġuni kienet sempliċement skuża u fil-fatt ix-xogħol li kienet qed taħdem ġie assenjat lil persuna li ma kienitx impjegata mall-istess kumpanija.

Is-Soċjetà Intimata ssostni li dan ma kienx il-każ għaliex kien hemm lok ta' *redundancy* u x-xogħol li kienet tagħmel ir-Rikorrenti ġie allokat lil persuna li kien ilu għal ħafna snin jagħti servizz lill-grupp ta' kumpaniji li jinkludi fih is-Soċjetà Intimata.

**3. Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal eżamina bir-reqqa il-kwistjoni ta' l-allegat *redundancy* peress li din kienet il-pern tal-kwisjonit kollha. Ir-Rikorrenti kienet taqdi l-kariga ta' *Safety Superintendent* mas-Soċjetà Intimata skond kuntratt tax-xogħol indefinit mill-1 ta' Lulju 2010 (Dok VF1). Din is-Soċjetà kienet waħda ta' *management* tal-vapuri tal-grupp kif ukoll ta' kumpaniji oħra fl-istess grupp. Għaldaqstant ir-Rikorrenti kienet taqdi doveri tagħha f'dawn il-kumpaniji. Fl-2012 naqas ix-xogħol fil-Kumpanija u fil-fatt naqsu il-vapuri li l-Grupp kien iħaddem u għalhekk kien hemm bżonn ta' ristrutturar fil-Grupp u ġie deċiż li r-Rikorrenti bħala l-impjegata bl-inqas servizz tisfa *redundant*. Ix-xogħol tagħha ġie allokat lill Matthew Refalo impjegat tal-Grupp li kellu snin iktar ta' servizz mir-Rikorrenti. Iżda jirrizulta li dan Matthew Refalo ma kienx impjegat ta' SL Ship Management Co. Ltd. għad li fil-passat għamel xi żmien impjegat magħha.

Is-Soċjetà Intimata tirritjeni li l-Grupp ta' Kumpaniji li l-*beneficial owners* tagħhom huma l-istess nies jaħdmu b'mod komplimentari ma' xulxin minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom. Il-kwistjoni kollha tinpernja ruħha fuq ir-relazzjoni bejn ir-Rikorrenti u s-Soċjetà Intimata kif ukoll x'posizzjoni għandu Matthew Refalo li lilu ġie assenjat ix-xogħol li kienet tagħmel ir-Rikorrenti. Ma hemmx dubju li l-vinkolu kontrattwali tar-Rikorrenti kien mas-Soċjetà Intimata kif jidher ċar mill-kuntratt li ġa ġie ċitat. Mhux hekk il-każ ta' Matthew Refalo. Skond ir-*records* tal-ETC (Employment History ta' Matthew Refalo preżentat b'Affidavit mill-ETC fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014) Matthew Refalo kien impjegat tas-Soċjetà Intimata għal tliet xhur biss, bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' April 2009. Għaldaqstant huwa manifestament ċar li Matthew Refalo ma kienx impjegat tas-Soċjetà Intimata f'Ottubru tal-2012 meta r-

Rikorrenti ġiet liċenzjata għad li jidher li kien impjegat ma kumpanija fl-istess Grupp u preċiżament Waste Oils Co. Ltd.

Affaċjat b'din is-sitwazzjoni t-Tribunal ried jara jekk kienx hemm raġuni ġenwina ta' *redundancy*. Kemm il-darba dan it-Tribunal alluda għal fatt li *redundancy* mhix definita fil-liġi, anzi ta' min jinnota li lanqas teżisti kelma ekwivalenti bil-Malti fil-liġi stess. Madankollu hemm ġurisprudenza rikka dwar dan is-suġġett. L-iktar waħda li forsi tiddeskriviha hija li stat ta' *redundancy* jokkorri meta l-impjegat isir superfluwu għall-operat tal-kumpanija. F'dan il-Każ ċertament ma jistgħax jingħad li r-Rikorrenti saret superfluwa għas-sempliċi raġuni li xogħolha kien neċessarju li jitkompla jsir. Tant hu hekk li ġie allokat lil persuna oħra. Mela ma jistgħax jingħad li x-xogħol li kienet qed tagħmel spiċċa jew ġie allokat lil xi impjegat ieħor fil-Kumpanija. Fil-ġudizzju tat-Tribunal kienet x'kienet ir-raġuni tal-liċenzjament tar-Rikorrenti sgur li ma kienitx *redundancy*.

It-Tribunal jerġa jtenni li r-Rikorrenti kienet impjegata mas-Soċjetà Intimata u mhux mall-Grupp. Il-Grupp fih in-nifsu ma jidhirx li kellu personalità ġjuridika għalih. Il-*General Manager* tas-Soċjetà Intimata, Alessandro Runco, fix-xhieda tiegħu jiddikjara li "the structure of the group jigifieri for us it is not a legal entity as such" (seduta tas-16 ta' Jannar 2013 fol 15). Iżda anke kieku kienet ċertament ma kienitx l-*employer* tar-Rikorrenti.

Tenut dan kollu t-Tribunal huwa tal-fehma li l-liċenzjament tar-Rikorrenti ma kienx wieħed a bażi ta' *redundancy* li kienet l-unika raġuni konsistement mogħtija mis-Soċjetà Intimata għal-liċenjzament tar-Rikorrenti.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali isib li t-tkeċċija tar-Rikorrenti Vanessa Fenech minn mas-Soċjetà Intimata SL Ship Management Co. Ltd. ma kienitx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

**5. Kumpens**

Wara li ra l-Artikolu 81 tal-Kap 452 it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut mis-Soċjetà Intimata lir-Rikorrenti fl-ammont ta' €30,000 li jridu jitħallsu hekk: €10,000 immedjatament u l-bilanċ ta' €20,000 f'ammonti ta' €2,000 kull xahar bl-ewwel pagament isir fit-30 ta' Lulju 2014. Jekk tinqabes xi skadenza, tkun xi tkun ir-raġuni, il-bilanċ kollu dovut isir *ipso facto* pagabbli immedjatament.

Peress li kariga li kienet tokkupa r-Rikorrenti kienet waħda eżekuttiva li teħtieġ fiduċja speċjali fil-ħila li taqdi d-dmirijiet tagħha, t-Tribunal mhux qed jordna ir-riimpieg tagħha mas-Soċjetà Intimata.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**6. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviz Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida id-drittijiet dovuti lill min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wiehed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja